# IL-MADONNA TA' TRAPNI.

Fl-aħħar għadd ta' dana l-Qari, mal-Knisja ta' Lampedusa semmejna wkoll il-Madonna ta' Trapni. Billi din il-Madonna kellha xtaksam ma' Lampedusa, dehrilna li hu xierak wieħed igħid il-ġrajja tagħha. Fiha wieħed isib kif tnisslet il-qima mit-Torok lejn il-Madonna ta' Lampedusa u x'kellha taqsam din mal-Madonna ta' Trapni. Dan li se'r inġibu fuq il-Madonna ta' Trapni u ta' Lampedusa, ħadnieh minn fuq wieħed mill-Manuskritti tal-Bibljoteka.

Fuq l-Imperu ta' l-Orient kien isaltan Ljun Isawriko. Dan kellu mibegħda wisq kbira lejn ix-xbihat tal-Madonna u ta' Binha Gesù. Fuq hekk wasal biex qered bosta xbihat tagħhom

F'dil-ħabta, fil-belt ta' Famagosta (Cipru), b'kappillan ta' Kastell imsejjaħ Endite kien hemm wieħed qassis li wkoll kellu s-sengħa ta' skultur.

Alla nebbaħ lil dan il-qassis biex jagħmel il-Madonna tar-rħam. Il-qassis sama' mir-rieda t'Alla, għażel irħama mill-isbaħ u beda x-xogħol tiegħu.

Fi ftit żmien daħlilha sewwa fil-ħidma li ma kienx fadallu jagħmel ħlief l-uċuħ tal-Madonna u tal-Bambin. Għal dil-biċċa xogħol għażel jum mill-aktar qaddis, il-15 ta' Awissu tas-sena 733. Filgħodu qam u mar iqaddes. Waqt il-quddiesa talab lill-Madonna biex tgħinu ħalli jirnexxilu jgib sewwa ż-żewġ uċuħ imqaddsa. Inbagħad mar id-dar u beda jaħdem fix-xbieha. Wara xi ftit daqqiet li ta bl-iskarpell, ġieh ngħas hekk ħelu li raqad għal ftit tal-ħin. Meta stenbaħ, bi kbir għaġeb tiegħu, fix-Xbieha jara ż-żewġ uċuh imqaddsa mħejjija minn kollox u ma jonqoshom xejn. Għal did-dehra baqa' bħal mitluf minnu n-nifsu. Ħaseb li qiegħed joħlom jew li qiegħed jilmaħ ħażin. Fl-aħħar ġie f'tiegħu u ntebaħ li kien minnu tassew dak li kien qiegħed jara. Beda jdur max-xbieha u jifli l-uċuh im-

qaddsa. Hawn intebaħ li dawk ma kenux xogħol idejn il-bnedmin, imma ġew magħmula minn xi id tas-sema.

Wara xi żmien Ċipru waqa' f'idejn il-Kavalieri Templari. Dak li fl-1130 kellu taħt il-ħsieb tiegħu l-Kastell Endite kellu jitlaq għall-Palestina. Miegħu ħa x-Xbieha tal-Madonna, u fil-Kastell ħalla biss il-pedistall tagħha. B'hecc f'Ċipru damet għaż-żmien ta' 397 sena. Iżda fil-Palestina ma dametx aktar minn 58 sena, il-għaliex mal-wasla ta' Saladin, il-Kbir Sultan tal-Babilonja, li ħataf it-Terra Santa, il-Kavalieri kellhom jitilqu minn hemm fl-1188.

Wieħed mill-Kavalieri, jismu Guerriere, minn Pisa, kien Kmandatur ta' dik il-Kommenda tal-Knisja li fiha kien hemm ix-xbieha tal-Madonna. Dal-Kavalier, qabel ma telaq biex isiefer, mar il-Knisja u nxteħet quddiem il-Madonna. Bid-dmugħ f'għajnejh beda jitlobha bil-ħerqa biex taqbeż għalih u tħarsu minn kull hemm. Iżda f'daqqa waħda sama' leħen igħidlu: Kif? s'er tħallini hawn qalb il-barbri? Għal dal-leħen, il-Kavalier baqa' mistagħġeb; iżda nbagħad għamel il-ħila u wieġeb hekk: Omm Alla, kif nista' nieħdok waħdi fuq ix-xini? Hawn m'għandi l-ħadd min igħinni. Iżda l-Kavalier sama' min igħidlu: La taħseb xejn, ingħinek jien. U hekk kien, għax il-Kavalier tela' fuq l-altar, ħaddan is-sura tal-Madonna miegħu, niżżilha minn fejn kienet u baqa' sejjer biha lejn ix-xatt. Tellagħha fuq ix-xini u għamilha f'kaxxa.

Dil-biċċa kienet ta' għaġeb kbir, il-għaliex il-Madonna hi twilha sitt ixbar u nofs, u tqila 3500 libbri. Għalhekk wieħed waħda ma seta' jkun qatt li jiflaħha.

Ix-xini mill-port telqet b'riħ tajjeb. Iżda meta waslu l-ixtut ta' Barbarija, qam il-baħar u għamilhom ħerba li kienu s'er jintilfu. In-nies ta' fuq ix-xini bdew jitolbu l-għajnuna t'Alla, u fittxew li jdeffsu rashom x'imkien; iżda r-riħ tefaħhom fl-art ta' Lampedusa. Daħlu fil-Port u hemm bdew isewwu l-bastiment mill-ħsara li kellu. Biex għamlu

dan, ħteġilhom iħottu t-tagħbija kollha li kellhom. Għal-hekk, fost il-ħwejjeġ li kellhom, niżżlu ukoll il-Madonna, u qiegħdu kollox f'Għar.

F'Lempedusa kien hemm xi bastimenti u fuqhom kellhom bosta morda. Dawn marru fil-Għar fejn kien hemm il-Madonna, u malli bdew imissu magħha biss, bla talb ta' xejn, dak il-ħin stess jiħqgħu mfejqa. L-aħbar ta' dan il-għaġeb inxtered malajr. Għal-Lempudusa telqu morda oħrajn, u fost dawn kien hemm xi Torok. Minnhom baqgħu bosta mfejqa. Din l-aħbar issuktat inxterdet. U għalhekk ma kontx tara ħaġ'oħra, ħlief, dgħajjes kbar tat-Torok iġorru l-morda tagħhom, nofshom mejtin. Malli dawn jidħlu fil-Għar, il-Madonna tfejjaqhom malajr, bla ma tqis xejn li dawk kienu għedewwa Tagħha. It-Torok, għalkemm ma jemmnux, għall-fejqan li bdiet tatihom il-Madonna, bdew iħallu ħafna rigali. B'din id-drawwa baqgħu sew l-insara, kemm ukoll it-Torok.

In-nies tal-bastiment li fuqu nġiebet il-Madonna f'Lampedusa, kellhom għajnuna kbira mit-Torok li bdew jaslu fil-Gżira. It-Torok, flok ma għamlu għall-insara, bdew jatuhom kull ma kienu jinħtieġu biex jissuktaw isewwu l-bastiment tagħhom mill-ħsara li kellu.

It-Torok nisslu hekk qima kbira lejn il-Madonna ta' Lampedusa, li ħarġu l-flus u bnewlha Kappella żgħira fil-Għar li semmejna.

Meta ġiet mitmuma l-Kappella, il-baħrin li jaslu f'Lampedusa kienu jixegħlu lampa quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Għall-ewwel snin, għalkemm il-Gżira kienet battala min-nies, il-lampa dejjem kienet tinsab mixgħula. U dan kien għaġeb ma jaqta' xejn, il-għaliex biex jiżdied iż-żejt fil-lampa, ħalli din ma tintefiex, kienu jridu jaslu xi bastimenti hemm, ħaġa li din ma kenitx issir ta' kull jum.

Fil-Kappella kien hemm kaxxa żgħira tinqafel. Fiha kulħadd kien jixħet dik ix-xi ħaġa tal-flus. Iċ-ċavetta ta'

din il-kaxxa kien iżommha l-Komito (1) tax-Xwieni ta' Malta. Meta x-Xwieni Maltin kienu jgħaddu minn Lampedusa, il-Komito jiftaħ il-kaxxa, jieħu l-flus u jerġa' jsakkarha. Il-flus jittieħdu fil-belt ta' Trapni, u hemm jatuhom lill-Patrijiet tal-Kunvent tal-Karmnu li kienu jieħdu ħsieb tal-Madonna ta' Trapni.

Il-Madonna ta' Trapni kellha x'taqsam mal-gżira ta' Lampedusa mħabba dan li s'er ingħidu.

Meta l-bastiment li ħallejna f'Lampedusa tħejja sewwa li seta' jsiefer, reġa' għabba mill-Gżira dak kollu li kien niżżel l-art, fosthom ħa l-kaxxa tal-Madonna. Il-bastiment telaq lejn l-Italja, għal Pisa. Iżda l-ħsieb tal-Madonna kien ieħor. F'daqqa waħda qam riħ bil-bosta qawwi, u l-bastiment ġie mitfugħ lejn Sqallija, għan-naħa ta' Marsala. Mal-lejl issoktaw żdiedu r-ragħad u s-sajjetti. Biex tagħqad, il-bastiment beda jagħmel l-ilma. Il-baħrin għamlu ruħhom mitlufa, għax, għalkemm għamlu ħilithom kollha, ma setgħux ilaħħqu ma' l-ilma li beda dieħel. Meta l-Kaptan ra li qiegħed joqrob it-tmiem għall-bastiment ġegħilhom jarmu t-tagħbija l-baħar. Il-baħrin, mitlufa bil ħsejjes tar-riħ u t-tgergir tal-mewġ, ukoll tefgħu l-baħar il-kaxxa li fiha kien hemm il-Madonna. Iżda, f'daqqa ta' għajn, il-baħar siket, is-sema tnaddaf mis-sħab u r-riħ żamm, kif ukoll żamm f'daqqa d-dħul ta' l-ilma fil-bastiment. Ir-riħ dar lejn nofs-inhar, u billi kien jaqbel għal Trapni, daħlu f'dak il-Port biex mill ġdid isewwu l-bastiment.

*(Jissokta)* ĠUŻÈ GATT.

*Kullma hawn imsemmi fuq grazzi straordinarji u fuq egħġubiet ġibnihom hawn bħala ħaġa storika biss.*

---

(1) Il-Komito kien l-ewlieni fost il-baxxi fizzjali ta' fuq il-baħrin. Dan kien jieħu ħsieb biex iħejju, jew ineħħu, il-qlugħ tax-Xini, barra milli wkoll kien jaħseb biex igħammar ix-Xini minn kull ħaġa ta' ħtieġa għas-safar.